QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.

Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002

Numru 2
Citaz. Nru. 488/97 FDP

Associated News (Malta) Ltd.

Vs

Martin Bonello Cole, Joseph Gauci, Mark Bugeja, Austin Demajo u Joseph Pullicino f'isimhom *proprio* u ghannom u in rapprezentanza tad-ditta Grant Thornton.

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tal-5 ta' Marzu 1997 fejn gie premess:

Illi l-konvenuti *proprio et nomine* ghandhom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, u erbgha u tletin Lira Maltija u hamsin centezmu (LM1034.50) liema somma tirraprezenta l-prezz ta' reklamar u *adverts* f'gazzetti lokali li saru ghall-konvenuti *proprio et nomine* fuq talba taghhom stess kif jidher mill-kopja tal-fattura hawn annessa bhala Dok. "A";

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellati, anke ufficjalment, il-konvenuti *proprio et nomine* baqghu inadempjenti;

Illi fil-fehma tas-socjeta` attrici l-konvenuti *proprio et nomine* m'ghandhomx eccezzjoni valida x'jaghtu kontra din l-azzjoni;

Illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness Affidavit ta' Godfrey Grima, rapprezentant gudizzjarju tas-socjeta` attrici;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artiklu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuti *proprio et nomine* ihallsu lis-socjeta` attrici is-somma minnhom dovuta ta' Lm1034.50, liema somma tirrapprezenta l-prezz ta' riklamar u *adverts* f'gazzetti lokali li saru ghall-konvenuti *proprio et nomine* fuq talba taghhom stess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 1996, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-kummissjoni tax-xoghol sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti *proprio et nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-25 ta' Gunju 1997 tal-konvenuti *proprio et nomine* fejn gie eccepit:-

1. Illi huma mhumiex il-legittimi kontradittturi u ghalhekk jitolbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi d-ditta konvenuta qatt ma dahlet f'ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici, izda kienet is-socjeta` Information Technology Services Ltd li kienet ordnat ix-xoghol ta' reklamar u advert fil-gazzetti lokali li tieghu qed tippretendi l-hlas is-socjeta` attrici, u dan kif jidher car daqs il-kristall mill-kopji ta' l-*adverts* in kwistjoni;

3. Illi d-ditta konvenuta, stante li hija ditta ta' "Accountants" hija projbita milli tordna reklamar u *adverts* fi kwalunkwe gazzetta, skond prassi normali u regoli etici maghrufin minn kulhadd u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk ma kienx possibbli li jinholoq xi ness guridiku bejn is-socjeta` attrici u d-ditta konvenuta, li bhala rizultat ta' l-istess isir ir-reklamar li ghalih qeghda tippretendi hlas is-socjeta` attrici;

4. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Gauci, il-lista tax-xhieda indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici qed tallega li l-konvenuti *proprio et nomine* huma debituri taghha fl-ammont ta' Lm1034.50 u dan fir-rigward tar-reklami li hija ghamlitilhom f'gazzetti lokali.

Verzjoni tas-societa' attrici:

Illi Godfrey Grima xehed li Joe Cauchi mid-ditta Bonello Gauci and Micallef[1] kien cempillu f'Lulju 1994 u talbu biex is-socjeta` tieghu, u cioe` is-socjeta` attrici, taghmillu reklamar fil-gazzetti dwar l-introduzzjoni tal-VAT ghad-ditta tieghu. Qal li kien hemm b'xi Lm1000 reklami u Lm91 spejjez. Huwa kontro-ezaminat insista li s-socjeta` attrici kellha x'taqsam mas-socjeta` Grant Thornton. *"Nispjega li meta Joe Gauci gie ghandi u tani card, huwa tani card tal-Grant Thornton. Nispjega li ma gie hadd mill-Infonnation Technology Services Ltd. Gie Joe Gauci ghall-Grant Thornton. Lili qatt ma qalli li kien direttur/shareholder tas*-socjeta` *Information Technology Services Ltd."* Zied jghid li qatt ma kien hemm complaints dwar ix-xoghol;

Illi Josephine Vassallo, li kienet impjegata mas-socjeta` attrici bhala segretarja xehdet hekk: *"Niftakar sew li s-sur Gauci mill-kumpanija Grant Thornton gie l-ufficju biex naghmlulu xi reklami ghall-kumpanija Grant Thornton ghall-gazzetti."* Hija spjegat li kienet tigri u tistinka biex is-sur Gauci jhallas l-ammont dovut lis-socjeta` attrici. Qalet li Gauci qatt ma qalilha li l-kumpanija ma kinitx ser thallas ghax ircevew il-kontijiet b'indirizz zbaljat. Kontro-ezaminata xehdet *"Niftakar li meta ahna konna baghtna l-invoices il-problema ma kinitx tqajmet; niftakar li l-klijent qatt ma qalli biex nohrog l-invoices*

[1] Socjeta` m'ghadhiex tezisti peress li saret id-ditta Grant Thornton (ara affidavit ta' Joe Gauci - fol 24)

*fuq kumpanija ohra."* Hija cahdet li Joe Gauci kien infurmaha li l-kontijiet hargu hazin. "*Jiena nghid illi dan assolutament mhux veru. Niftakar ukoll li Godfrey Grima nnifsu kien cempillu u dana quddiemi. Gauci qatt ma qalulna li hargu hziena l-invoices fil-fatt kieku ahna konna hrignihom hazin konna nibdluhom."* Qalet ukoll li Gauci kien klijent regolari tas-socjeta` attrici u meta ordna reklami ohra maghhom f'okkazjonijiet qabel dejjem ghamilhom fuq Grant Thornton.

<u>Il-verzjoni tal-konvenuti *proprio et nomine*</u>

Illi Joe Gauci fl-affidavit tieghu spjega li huwa wiehed mis-soci tad-ditta Grant Thornton kif ukoll azzjonist u direttur fis-socjeta` Information Technology Services Ltd. Il-professjoni tieghu hija ta' awditur. Huwa cahad li d-ditta Grant Thornton ghamlet xi talba ghal reklamar u qal li l-ammont mhux dovut mid-ditta Grant Thornton izda mis-socjeta` Information Technology Services Ltd. Huwa osserva li l-kont mhux biss ma hargix fuq Information Services Technology Ltd (ITS Ltd) izda lanqas ma hareg fuq Grant Thornton, ghax il-kont huwa indirizzat lil Grant Thorton Ltd, li ma tezistix. Zied jghid li "... *meta rcevejna l-kontijiet u s-segretarja tas-*socjeta` *attrici kienet iccempilli ghall-hlas, jiena dejjem gbidtilha l-attenzjoni li l-kontijiet gew mahrugin hazin u biex jibdluhom u johorguhom fuq is-*socjeta` *Information Technology Services Ltd".* Qal ukoll li l-Grant Thornton qatt ma setghet ordnat ir-reklami peress li skond ir-regoli ta' etika ta' *l-Institute of Accountants*, id-ditti ta' awdituri

huma projbiti milli jaghmlu reklamar tas-servizzi taghhom;

Illi kontro-ezaminat qal li lis-segretarja kien qalilha specifikament li r-riklami qed jigu ordnati da parti ta' l-ITS Ltd u mhux tal-Grant Thornton. Pero` qal li qatt ma tawh kopja tal-*booking order* u ma jiftakarx jekk talabhomx. Qal li meta gibed l-attenzjoni tas-segretarja li l-kont hareg hazin dan kien permezz tat-telefon. Korrispondenza ma gietx skambjata dwar il-kwistjoni. Kollox sar verbalment.

Konsiderazzjonijiet:-

Illi mhux ikkontestat li Gauci ordna r-riklami in kwistjoni minghand is-socjeta` attrici. Lanqas mhu ikkontestat l-ammont mitlub fir-rigward tar-reklami. Is-sur Gauci fl-affidavit tieghu fil-fatt xehed li l-ammont huwa effettivament dovut mis-socjeta` Information Technology Services Ltd. In-nuqqas ta' qbil jirrigwarda min huwa effettivament responsabbli biex ihallas dan l-ammont: **is-socjeta` ITS Ltd jew il-Grant Thornton**;

Illi bhala prova l-konvenuti *proprio et nomine* ressqu x-xhieda ta' Joe Gauci li jinsisti li huwa kien ghamilha cara li kienet is-socjeta ITS Ltd li kienet qed tordna r-reklami, u li meta l-kontijiet hargu hazin huwa kien gibed l-attenzjoni tas-segretarja. Esebew ukoll kopji tar-reklami (fol 17 - 22) li fuqhom jidher l-isem Information Technology Services Ltd; insibu wkoll fic-centru tar-reklam a fol 20 u 22 tal-process b'ittri grasi "VAT Seminar organised by Grant Thornton Malta";

Illi s-socjeta` attrici da parti taghha ipproduciet lil Godfrey Grima u lis-segretarja bhala xhieda. Grima xehed li Gauci kien tah il-card tal-Grant Thornton u li hadd ma kien qallu li kien direttur/shareholder tas-socjeta` ITS Ltd. Is-segretarja da parti taghha cahdet kategorikament li Gauci kien qalilhom li l-invoices hargu hziena u qalet li Gauci, li kien klijent regolari taghhom, dejjem ordna riklami fuq il-Grant Thornton;

Illi mill-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti jidher li hija aktar attendibbli l-verzjoni tas-socjeta` attrici u cioe` li Gauci ma spjegax lis-socjeta` attrici li kien qed jagixxi ghan-nom ta' ITS Ltd. Il-fatt li fuq ir-reklami tidher l-isem tas-socjeta` ITS Ltd ma jfissirx li allura is-socjeta` attrici kellha tiddeduci li r-reklami kienu gew ordnati propju ghas-socjeta` ITS Ltd. Di piu, fuq l-istess reklami jidher ukoll l-indirizz ta' Grant Thornton u cioe' *Grant Thornton House, Princess Elizabeth Street, Ta' Xbiex.* Tenut kont tal-fatt li Gauci kien maghruf mas-segretarja u ma' Godfrey Grima bhala bniedem assocjat ma' Bonello Gauci & Micallef, gia, Grant Thornton, u tenut ukoll kont tal-fatt li fuq l-istess reklami tidher il-kelma Grant Thornton, kien allura opportun li Gauci jaghmilha cara li kien qed jordna r-riklami ghall-ITS Ltd u mhux ghall-Grant Thornton;

Illi apparti dan il-malintiz ezistenti meta saru r-reklami, il-Qorti temmen li kieku Gauci kien verament gibed l-attenzjoni tas-segretarja wara li l-kontijiet hargu hazin, kif qed jghid li ghamel,

certament li l-istess segretarja u anke Grima, li kienu qed jinsistu ghall-hlas ma' Gauci, kienu jirregolaw irwiehhom, kif wara kollox kien fl-interess taghhom li jaghmlu. Dana tikkonfermah l-istess segretarja meta qalet li kieku kienu jafu li l-kontijiet hargu hazin, kienu jibdluhom. Ghalhekk lanqas din l-allegazzjoni ta' Gauci ma hija attendibbli;

Illi dwar l-eccezzjoni li skond ir-regoli ta' etika taghhom id-ditti ta' l-awdituri ma jistghux jordnaw reklamar fil-gazzetti, din hija irrelevanti;

Illi l-Qorti hija konvinta li sal-mument li giet intavolata l-kawza, is-socjeta` attrici kienet taht l-impressjoni li kienet qed tinnegozja ma' Grant Thornton u ma jirrizultax li kellha indizji biex tifhem mod iehor;

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi is-socjeta` ma kellhiex triq ohra hlief li tharrek propju lill-Grant Thornton ghall-prezz tar-riklami in kwistjoni, u l-Qorti jidhrilha li hija propju il-Grant Thorton li hija responsabbli ghall-hlas ta' l-istess riklami. Dan qed jinghad bla pregudizzju ghal kull azzjoni li jista' jkollha l-Grant Thornton kontra l-ITS Ltd.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Talba in vista tal-verbal tas-6 ta' Gunju 1997;

Tikkundanna lill-konvenuti *proprio et nomine* ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u erbgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1034.50) rapprezantanti prezz ta' riklamar u *adverts* f'gazzetti lokali fuq talba taghhom stess;

L-ispejjez u imghax kif mitiuba fic-citazzjoni ghandhom jithallsu mill-konvenuti *proprio et nomine.*

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur